MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Numru 5/2002

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Melchior Spiteri**

**Il-Qorti**:

Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fit-13 ta' Mejju 2002 kontra Melchior Spiteri li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah talli dolozament, bil-hsieb li joqtol lil persuna ohra jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkagunalha l-mewt; kif ukoll talli b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Lulju 1993 u tas-16 ta' Dicembru 1993, kif ukoll

b'sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-28 ta' Ottubru 1993, tal-11 ta' Marzu 1993 u tat-28 ta' Marzu 1996 kien instab u dikjarat hati ta' diversi delitti u b'hekk sar recidiv;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tad-9 ta' Dicembru 2003 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih b'seba' (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabu lill-appellant (allura akkuzat) hati ta' l-akkuza taht l-ewwel u l-uniku kap ta' l-att ta' akkuza kif ukoll il-verdett ulterjuri li bih il-gurati unanimament sabuh hati ta' l-addebitu tar-recidiva dedott kontra tieghu fl-istess l-ewwel u l-uniku kap ta' l-att ta' akkuza, iddikjarat lill-istess Melchior Spiteri hati ta' omicidju volontarju u cioe` talli fit-22 ta' Ottubru 2001 fejn Store Garage A, Fuq Verdala, Bormla, fil-ghodu, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, ikkaguna l-mewt ta' Jason Azzopardi. Iddikjarat ukoll lil Melchior Spiteri bhala recidiv peress li b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Lulju 1993 u tas-16 ta' Dicembru 1993 kif ukoll b'sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-28 ta' Ottubru 1993, tal-11 ta' Marzu 1993 u tat-28 ta' Marzu 1996 hu kien instab u dikjarat hati ta' diversi delitti; u wara li rat l-Artikoli 211(1)(2), 492(2), 49, 50, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, ikkundannat lill-imsemmi Melchior Spiteri ghall-piena ta' tletin (30) sena prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni biss ma' dan il-kaz, kif ukoll ordnatlu jhallas l-ispejjez kollha tal-perizji f'din il-kawza ammontanti ghal tlett elef erba' mija u dsatax-il liri Maltin u hdax-il centezmu (Lm3,419.11) fi zmien gimaghtejn mid-data tas-sentenza u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oggetti esebiti li servew biex sar id-delitt. Dik il-Qorti waslet ghas-sentenza taghha wara li rat il-fedina penali tal-hati u semghet it-trattazzjoni dwar il-piena maghmula mill-Avukat difensur Dottor Tonio Azzopardi u s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni maghmula mill-Assistent Avukat Generali tar-Repubblika Dottor Mark Said, u wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Qieset is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni li stante l-verdett ta' sebgha kontra tnejn li bih instabet il-htija, hemm

diskrezzjoni f'idejn il-Qorti fejn, ghalkemm il-piena minima ma tridx tkun inqas minn tnax il-sena habs, il-Qorti xorta setghet timponi l-piena massima li hu habs ghall-ghomor. Li l-verdett xorta kien in suffragju tat-tezi tal-prosekuzzjoni li kien x'kien il-movent, ir-reat kien wiehed kiesah u biered u premeditat u li sar bi skop ta' vendetta. Li ghalkemm il-Prosekuzzjoni b'ebda mod ma riedet timminimizza l-pjaga tal-uzura, pero` dan ma kien inaqqas xejn mill-gravita` tar-reat. Li ma jridx jinghata messagg lil dawk li jsibu ruhhom fil-morsa tal-uzura li jistghu jrabbu l-kuragg biex meta jsibu ruhhom f'din is-sitwazzjoni, jiehdu l-ligi f'idejhom. Li l-appell li ghamel il-hati biex is-socjeta` u l-awtoritajiet juru fiducja fih sar meta suppost il-hati kien irriforma wara sensiela ta' opportunitajiet li dawn il-Qrati tawh u li l-hati naqas li juzufruwixxi ruhu minnhom;

"Qieset is-sottomissjonijiet tad-difiza li l-verdett tal-gurija ma kienx wiehed unanimu izda biss wiehed ta' seba' voti kontra tnejn u li dan ghandu jkollu rifless fuq il-piena w li l-hati veru kien irriforma ruhu sa meta gie biex johrog mill-habs fl-2001 izda li ma kellux l-opportunita` li juri dan lis-socjeta` minhabba l-inkwiet li tefghu fih haddiehor u cioe` l-vittma. Li mill-2001 'l hawn kellu kondotta tajba. Li dak li qalet il-Qorti fl-indirizz taghha dwar is-sitwazzjoni pjetuza ta' Spiteri ghandha tigi riflessa fil-piena. Li fil-verdett imkien ma hemm imnizzel li r-reat sar bi skop ta' vendetta jew li r-reat sar b'mod premeditat. Lanqas ma jkun sew li biex jinghata messagg lis-socjeta` wiehed ghandu jaqbad bniedem u jaghmel kampjun minnu. Li l-Qorti kellha tqis il-hsara li kien jaghmel il-mejjet li kien isib nies li m'ghandhomx flus biex johodhom taht il-hakma tieghu w ghalhekk il-Qorti kellha tiehu dan kollu in konsiderazzjoni;

"Qieset li skond l-artikolu 492(2) tal-Kap.9, meta l-voti tal-gurati ma jkunux unanimi minflok il-piena tal-prigunerija ghall-ghomor, il-Qorti tista' taghti piena ta' prigunerija ghal zmien li ma jkunx inqas minn tnax il-sena;

"Qieset ukoll pero` mill-banda l-ohra li oltre l-htija tar-reat t'omicidju volontarju, il-hati ammetta u nstab unanimament hati tal-addebitu tar-recidiva, li skond l-artikolu 50 tal-Kap.

9, jista’ sahansitra jwassal biex jehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabilita ghad-delitt minnu kommess;

“Qieset li mill-fedina penali tal-hati li llum ghandu tmienja w ghoxrin (28) sena, jirrizulta li hu habat difrejh mal-ligi ghall-ewwel darba fit-12 ta’ Mejju 1990 meta kien ghadu kif appena ghalaq il-hmistax-il (15) sena u li minn dak iz-zmien ‘l hawn – apparti xi kaz pendenti - gie processat u misjub hati mill-Qrati Maltin ghal mill-inqas disgha w hamsin (59) darba, li fihom gie sentenzjat ghall-prigunerija jew detenzjoni ghal mill-inqas seba’ w tletin (37) darba, inkluzi konverzjoni ta’ multi f’piena restrittiva tal-liberta`. Dana ghal diversi reati li jvarjaw minn sewqan bla licenzja w insurance u sewqan perikoluz, ghal serq aggravat bi vjolenza, serq ta’ vetturi w vjolenza privata;

“Inoltre hu nstab hati diversi drabi li m’obdiex l-ordni legittima tal-Pulizija, li kiser il-liberta` kondizzjonata, li hedded, jew ingurja, jew ikkaguna offiza, jew talli kkommetta attakk u rezistenza fuq ufficjali pubblici, u cioe` l-Pulizija w gwardjani tal-habs fdati minn servizz pubbliku sabiex ibezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom u ta’ sekwestru ta’ ufficjali pubblici, gwardjani tal-habs, kaz wiehed ta’ tentattiv ta’ ferita gravi fuq ufficjal pubbliku w addirittura nsulti w theddid ta’ Magistrati fil-kors ta’ proceduri gudizzjarji quddiem il-Qrati tal-Magistrati (Malta). Oltre dan diversi drabi hu nstab hati ta’ harba mill-kustodja tal-Pulizija jew mill-post ta’ kustodja w detenzjoni, xi drabi anke bl-aggravanti tal-vjolenza;

“L-asserzjoni ta’ l-akkuzat li huwa kien irriforma – mhux korroborata minn xiehda oggettiva ta’ persuni ndipendenti – tibqa’ dejjem wahda soggettiva w mhux determinabbli. Jidher li ghal xi zmien hu baqa’ ghaddej bil-hajja tieghu refrattarja anki meta kien il-habs. Umbaghad l-agir tieghu meta, appena xahrejn wara li hareg mill-habs, inkuruna l-fedina penali tieghu billi wasal biex sahansitra kkommetta forsi l-aghar reat kontemplat fil-Kodici Kriminali, bil-mod u bil-fattispecji li rrizultaw fil-kors tal-process, jirrendi din l-asserzjoni ta’ riforma mhux attendibbli. Jekk umbaghad kemm ilu l-habs taht arrest preventiv in konnessjoni ma dar-reat verament gab ruhu sew fil-habs, dan ma jintitolah

ghall-ebda rikonoxximent specjali ghax l-agir korrett hu mistenni minn kull persuna li tkun detenuta l-habs;

“Fil-waqt li l-Qorti taqbel mad-difiza li mhux il-kompitu taghha li taghmel kampjun minn xi hati biex taghti messaggi lis-socjeta`, mill-banda l-ohra, il-Qorti trid bil-fors tapplika l-kastig meritat ghax-xorta ta’ reat li jkun fil-kontest tal-kondotta kriminali w tar-recidiva ta’ dak il-hati individwali;

“Hadet in konsiderazzjoni l-komportament oppressiv tal-vittma fuq id-debituri tieghu partikolarment fuq omm il-hati li sahansitra giet imsawwta minnu xi zmien qabel – kaz li dwaru l-vittma kellu jidher il-Qorti proprju l-ghada tad-delitt – xi theddid dirett jew velat li seta’ rcieva l-hati kif ukoll xi swat li seta’ sofra l-hati granet qabel id-delitt da parti tal-vittma w l-kuntest tal-uzura li fih gie kommess l-omicidju, pero`, ghalkemm tifhem li dan seta’ kien il-movent li seta’ wassal lill-hati ghall-kommissjoni tad-delitt, dan qatt ma kien jaghti lil hadd id-dritt li jiehu l-ligi b’idejh kif ghamel il-hati;

“Qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-mod kif gie ezegwit id-delitt u fuq kollox il-fatt li l-verdett tal-gurati ma kienx wiehed unanimu, il-gravita` tad-delitt, ir-recidiva w l-kondotta mill-aktar refrattarja tal-hati.”

Rat li minn din is-sentenza l-akkuzat ipprezenta rikors ta’ appell fit-30 ta’ Dicembru 2003 li bih talab li din il-Qorti tirrevoka, thassar u tannulla l-verdett ta’ htija ta’ omicidju volontarju kif ukoll is-sentenza appellata u tissostitwixxi l-verdett ta’ omicidju volontarju b’verdett ta’ mhux hati skond l-ewwel kap ta’ l-att ta’ akkuza minhabba li kien qed jagixxi minhabba bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu nnifsu u tal-familja, u b’hekk jigi registrat verdett ta’ mhux hati skond l-ewwel kap ta’ l-att ta’ akkuza fil-konfront tieghu, u konsegwentement jigi lliberat minn kull htija u piena; u, subordinatament u minghajr pregudizzju, f’kaz li din il-Qorti tichad l-appell tieghu dwar *“self-defence”*, tissostitwixxi l-verdett billi tiddikjarah hati skond l-ewwel kap ta’ l-att ta’ akkuza izda b’dan li dan ir-reat hu skuzabbli ghaliex hu agixxa taht l-influwenza immedjata

ta’ passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-ghemil tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Mir-rikors ta’ appell jirrizulta li l-appellant ghandu s-segwenti aggravji:

(1) Li huwa nstab hati hazin mill-gurati ghaliex il-verdett kellu jkollu l-kwalifika ta’ legittima difesa jew almenu l-kwalifika ta’ provokazzjoni jew agitazzjoni tal-mohh. Dan gara ghaliex l-Imhallef li ppresjeda l-guri indirizza lill-gurati b’mod hazin u kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li setghu kellhom effett determinanti fuq il-verdett tal-guri;

(2) Li l-ewwel Qorti cahdet talba ghall-posponiment tal-guri u, wara li nnominat avukat hi, imponiet fuq l-akkuzat u d-difensur gdid tieghu li d-data gia` stabbilita ma kenitx ser tinbidel, bil-konsegwenza li ma setax ikun hemm thejjija kompleta;

(3) Li kien hemm irregolarita` fil-proceduri meta l-Imhallef li ppresjeda l-guri gibed l-attenzjoni tax-xhud Gorgina Farrugia li kellu s-setgha jwahhalha ghomorha l-habs minhabba gurament falz, inferenza din ta’ piena potenzjali ghall-appellant;

(4) Li l-atteggjament ta’ l-Imhallef li ppresjeda l-guri lejn id-difensur kien *“overbearing”* mill-istadju tad-difiza ‘l quddiem, b’interruzzjonijiet f’zewg mumenti delikati u cioe` fil-bidu u lejn it-tmiem tal-kontro-replika;

(5) Li, minghajr pregudizzju ghall-appell dwar is-sejbien ta’ htija, il-piena nflitta kienet eccessiva.

Din il-Qorti sejra tibda biex tikkunsidra t-tieni aggravju. Hawn l-appellant jilmenta mill-fatt li z-zmien ghat-thejjija ghall-guri kien limitat wisq. Jilmenta li l-ewwel Qorti mponiet fuqu u fuq id-difensur gdid tieghu d-data li kienet diga` giet stabbilita qabel ma gie mahtur l-imsemmi avukat, u dan bi twissija cara li ma kenitx ser tbiddel id-data ghall-ebda raguni. L-avukat il-gdid gie nominat u notifikat fid-19 ta' Novembru 2003 u fid-digriet tan-nomina kien hemm miktub *"b'dan li ghandu f'kull kaz jipprepara ghad-difiza tal-akkuzat fid-data tal-1 ta' Dicembru 2003"*. L-inkartament wasal ghand l-avukat il-gdid, Dottor Tonio Azzopardi, minghand Dottor Joe Mifsud tlett ijiem wara d-19 ta' Novembru 2003.

Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-aggravju huwa fieragh precizament peress illi l-ilment li qieghed jitressaq quddiemha permezz ta' dan l-aggravju ma jidhirx li kien jezisti meta d-difensur ta' l-appellant gie nominat. Dan qieghed jinghad peress illi ma tirrizulta ebda talba mid-difensur biex jinghata ftit aktar zmien sabiex ikun jista' jaghmel "thejjija kompleta". Ta' min jghid illi mill-atti jirrizulta illi l-appellant kien originarjament ippatrocinat mill-Avukat Dottor Joseph Brincat. Meta gie appuntat il-guri, jidher illi l-familjari ta' l-appellant inkarigaw l-Avukat Dottor Emmanuel Mallia u l-Avukata Dottor Giannella Caruana Curran biex jiddefenduh. B'rikors ta' l-appellant tat-13 ta' Novembru 2003 pero` l-appellant talab li l-guri jigi differit sakemm dawn l-avukati jistudjaw il-kaz peress li kienu mpenjati b'xoghol iehor. Dik il-Qorti cahdet it-talba u nnominat lill-Avukat ghall-Ghajnuna Legali li talab li jigi ezentat (rikors ta' l-Avukat Dottor Joseph Mifsud tad-19 ta' Novembru 2003) peress li kien ghamel zmien bhala l-Avukat tal-mejjet Jason Azzopardi u rrakkomanda li jigi nominat l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi, kif fil-fatt sar. Ta' min jghid ukoll illi mill-atti l-anqas ma jirrizulta illi meta beda l-guri gie rregistrat xi verbal dwar il-htiega tad-difiza ta' aktar zmien sabiex tipprepara ruhha. Id-difiza fil-fatt setghet, kieku riedet, almenu tirregistra l-fatt li kellha biss madwar ghaxart ijiem sabiex tistudja l-kaz; izda minn dan ma ghamlet xejn. Konsegwentement il-konkluzjoni ta' din il-Qorti hi li d-difiza hasset li kellha zmien sufficjenti biex

thejji ruhha ghall-guri u ghalhekk dan l-aggravju huwa respint.

Permezz tat-tielet aggravju tieghu l-appellant isostni illi kien hemm irregolarita` fil-proceduri meta l-Imhallef li ppresjeda l-guri gibed l-attenzjoni tax-xhud Gorgina Farrugia li hu kellu s-setgha li jwahhalha ghomorha l-habs minhabba gurament falz. Skond l-appellant din hija inferenza li l-Imhallef kien diga` ghamel apprezzament ta' piena potenzjali f'kaz ta' htija u ghall-gurati dan id-diskors seta' jwassalhom ghall-konkluzjoni dwar il-piena meta din skond il-ligi m'ghandhiex tigi indikata lilhom.

Dan l-aggravju huwa wiehed fieragh. Minn ezami li din il-Qorti ghamlet tat-traskrizzjoni tax-xiehda ta' Gorgina Farrugia, inkluza dik li tat fid-diversi konfronti li saru maghha, ma jirrizultax illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri f'xi waqt qal li seta' jwahhalha ghomorha l-habs. Dak li jirrizulta hu li wissiha mill-anqas tliet darbiet li jekk il-Qorti thoss li ma kenitx qed tghid is-sewwa, jittiehdu passi kontra taghha. Effettivament, wara li nghataw dawn it-twissijiet, ghal diversi hinijiet hija nzammet taht arrest. Fi kwalunkwe kaz, anke jekk stess l-Imhallef seta' qal dak id-diskors, difficilment jista' jinghad illi l-gurati kienu jafu dak li jipprovdi l-artikolu 104(2) tal-Kodici Kriminali[1]. Mill-banda l-ohra, din il-Qorti hi tal-fehma li huwa *common knowledge* li l-piena ghall-omicidju volontarju hija dik ta' prigunerija ghall-ghomor. Kwindi anke dan l-aggravju huwa respint.

Dwar ir-raba' aggravju jirrizulta mir-*recording* li semghet din il-Qorti li hekk kif beda l-kontro-replika tieghu, id-difensur beda biex jirreferi ghall-fatt illi fl-Istati Uniti ta' l-Amerka meta jkun hemm akkuza ta' *first degree murder* ikun hemm *plea-bargaining*. Huwa twaqqaf hesrem mill-Imhallef li ppresjeda l-guri li qallu li dak ma kellu x'jaqsam xejn mal-kaz u d-difensur, korrettement, stqarr li "m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz taghna" u li kien ser iwiegeb biss ghal xi sottomissjoni tal-prosekuzzjoni. L-

---

[1] L-artikolu 104(2) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li "jekk il-persuna akkuzata tigi ikkundannata ghal piena akbar mill-piena ta' prigunerija ghal zmien hames snin, ix-xhud li jkun ta x-xiehda falza kontra dik il-persuna fil-kawza, jew, li mix-xiehda tieghu jkun sar uzu kontra l-persuna akkuzata f'dik il-kawza, jehel dik il-piena akbar."

Imhallef li ppresjeda l-guri pero`, fil-fehma ta' din il-Qorti korrettement, ta direttiva lid-difiza biex ma ssemmix legislazzjoni barranija aktar u aktar fejn id-difiza stess kienet qed taccetta li ma kellu "x'jaqsam xejn mal-kaz taghna".

Jilmenta wkoll li fl-ahhar minuta tal-kontro-replika l-Imhallef li ppresjeda l-guri interrompa, "din id-darba b'mod gentili", lid-difensur fl-ahhar minuta tal-kontro-replika meta kien jidher car li qed jikkonkludi, sabiex jistaqsieh jekk xtaqx jaghmel *"break"*. Din il-Qorti tinsab sorpriza ghal ilment bhal dan peress illi meta semghet ir-*"recording"* irrizulta li l-Imhallef li ppresjeda l-guri, kif qal l-appellant "b'mod gentili", intrometta biss "mhux biex inwaqqfek jew ninterrompik" izda biex josserva li kienu s-1.30 p.m. u kienu ftehmu li ser jieqfu fis-1.30 p.m. u saqsa lid-difensur jekk xtaqx ikompli jew jekk spiccax u jekk ried ikompli seta' anke jkompli wara. Ghalhekk dan l-ilment huwa ghal kollox fieragh. Id-difensur ta' l-appellant fil-fatt kompla jaghmel l-ahhar sottomissjonijet tieghu qabel ma l-Imhallef li ppresjeda l-guri ghamel il-*'break"*.

Apparti dak li nghad, din il-Qorti semghet ir-*"recordings"* kemm tad-difiza kif ukoll tal-kontro-replika u m'hemm l-ebda dubju li d-difensur ta' l-appellant thalla jaghmel is-sottomissjonijet tieghu minghajr interruzzjonijiet inutili mill-Imhallef li ppresjeda l-guri. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa wkoll respint.

Din il-Qorti se tghaddi issa biex tikkunsidra l-ewwel aggravju li jinkorpora fih diversi lmenti.

L-ewwel ilment ta' l-appellant huwa fis-sens illi, ghalkemm id-difiza tas-*self-defence* tqieghdet quddiem il-gurati fl-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, inghatat interpretazzjoni stretta wisq ta' x'jikkostitwixxi *self-defence*. Jghid li l-enfasi li saret fuq "trid tkun ta' dak il-hin" – kliem li ntqal u baqa' jintqal hafna u hafna drabi fl-indirizz – kienet enfasi esagerata. B'hekk, isostni l-appellant, minn ghoti ta' direttiva fuq punt ta' ligi spicca jkun hemm indhil zejjed fil-kompitu tal-gurati.

Minn ezami li din il-Qorti ghamlet ta’ dak li l-Imhallef li ppresjeda l-guri qal fl-indirizz dwar id-difiza legittima, m’hemm l-ebda dubju li saret enfasi fuq il-fattur ta’ “dak il-hin”. U f’dan l-Imhallef kien korrett peress illi l-ligi stess titkellem dwar “il-bzonn attwali” tad-difiza legittima (art. 223 tal-Kodici Kriminali). Inoltre l-ligi stess, fis-sitwazzjonijiet li tirreferi ghalihom bhala kazijiet li ghandhom ukoll jigu kkunsidrati ta’ legittima difiza (art. 224 tal-Kodici Kriminali) – u li l-Imhallef li ppresjeda l-guri rrefera ghalihom fl-indirizz tieghu – tikkontempla cirkostanzi ta’ “dak il-hin”. Issa, l-Imhallef li ppresjeda l-guri spjega b’mod korrett u car l-elementi kollha mehtiega biex tkun tista’ tissussisti d-difiza tal-legittima difiza. Barra minn hekk pero` qal ukoll illi l-attwalita` ma tfissirx li wiehed ma jistax janticipa. Difatti qal hekk[2]:

**“Issa meta nghid attwalita` jigifieri mhux qed nghid li ma tistax tanticipa, imma trid tanticipa ta’ dak il-hin ghax jizviluppa s-sitwazzjoni dak il-hin – ghax inti dawn l-affarijiet, fi tliet sekondi, f’erba’ sekondi, tista’ tanticipahom. Il-ligi ma tippretendix minghandek li inti toqghod passiv tara bniedem ser jispara u tghid, halli nara hux ser jispara l-ewwel qabel ma nisparalu jiena. Jigifieri l-perikolu jista’ jkun potenzjali, imma jrid ikun attwali, dak il-hin. Mela jiena rajt wiehed ser johrog ir-revolver u qed jimmirah lejja – jew ser jimmirah lejja – naf li ghandu ghalija, naf li dan ma jiccajtax, u jekk ikun tajjeb nohrog tieghi u nisparalu jew nitfaghlu hadida. Hemm hekk ghandek il-perikolu attwali ghax inti mbaghad ma intix obbligat toqghod qisek froga u thallih jispara l-ewwel biex tkun cert li dan irid jispara, daka le, imma kollox fil-kuntest ta’ dak il-hin, ta’ l-attwalita` ta’dak il-hin.”**

Issa, fid-difiza tieghu d-difensur ta’ l-appellant qal illi l-applikabilita` tad-difiza tal-legittima difiza tiddependi mill-ko-ezistenza ta’ numru ta’ kondizzjonijiet: li l-hsara mhedda tkun wahda ingusta, gravi u imminenti. Il-Profs. Anthony Mamo jirreferi ghal dawn il-kondizzjonijiet bhala li l-hsara mhedda trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli. Il-Prof

[2] Pagna 58 ta’ l-indirizz.

Mamo jispjega l-kondizzjoni li *"the evil threatened must be … inevitable"* hekk[3]:

***"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence: if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment, it could not be averted by other means …. in deciding whether there was actual necessity of self-defence, the test should be 'subjective'. The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as he saw it at the time."***

Mela l-agent irid ikun qed jirreagixxi (ghall-aggressjoni jew minaccja minnu ga` percepita bhala ingusta u gravi) proprju biex ma jhallix il-hsara mhedda ssehh. Jigifieri s-sitwazzjoni trid tkun wahda fejn l-aggressjoni jew minaccja x'aktarx issir wahda verament inevitabbli, u mhux semplicement prezunta li hi inevitabbli. A propozitu tar-rekwizit ta' l-attwalita`, il-gurista Taljan Francesco Antolisei jghid hekk:

**"Il codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente', dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula [pericolo attuale] si e` voluto porre in rilievo che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Pericolo attuale e` pericolo presente. Pertanto, un pericolo meramente futuro, e cioe` la probabilita` che in seguito si verifichi una situazione pericolosa**

3 Lectures in Criminal Law I, p. 103 – 104, University of Malta.

**non basta; e se ne comprende la ragione, giacche` in tale caso l'aggredito ha la possibilita` di invocare efficacemente la protezione dello Stato."** [4]

F'dar-rigward tista' wkoll tinstilet similarita` ta' hsieb minn dak li ntqal minn din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa** moghtija fis-16 ta' Ottubru 2003 fejn giet trattata d-difiza ta' legittima difiza fil-kuntest ta' l-artikolu 224(a) tal-Kodici Kriminali:

**" 'Minaccja attwali', apparti li tfisser minaccja prezenti, tfisser ukoll, fid-dawl ta' dak li nghad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, li jrid ikun beda jsir xi haga li <u>ragonevolment u oggettivament x'aktarx iwassal ghal tali ksur</u>, ghax anke f'sitwazzjoni simili wiehed jista' jghid li "the property is being invaded". Mhux bizzejjed, per ezempju, il-millanterija ta' x'wiehed hu kapaci li jaghmel jew is-semplici theddid bil-kliem ta' tali tkissir; mill-banda l-ohra ma hemmx ghalfejn li jkun sar tkissir materjali (kif donnha kienet qed tifhem li kellu jkun hemm l-ewwel Qorti). Ghalhekk l-ewwel Qorti ma kenitx korretta meta nsistiet li biex tissussisti din l-ewwel linja difensjonali l-aggressur kellu jkun diga` beda jkisser (materjalment) il-bieb."**

Fil-kaz in ezami jirrizulta illi kien hemm sensiela ta' incidenti li, skond l-appellant, gabuh f'sitwazzjoni fejn kellu jiddeciedi li jew inehhi l-hajja ta' Jason Azzopardi jew ihalli lil Jason Azzopardi jnehhilu hajtu. Din il-Qorti tifhem li l-appellant seta' kien imwegga' u rrabjat b'dak illi Jason Azzopardi kien ghamel lil ommu (tella' self ta' Lm90 ghal Lm1,500, taha daqqa ta' harta), seta' kien imbezza' mit-theddid li jghid li kien ircieva, seta' anke kien irrabjat ghal Jason Azzopardi li kien aggredieh ftit granet qabel il-qtil. Probabbilment l-appellant hass sens ta' frustrazzjoni kbira ghall-fatt li Jason Azzopardi kien maghruf bhala bniedem krudili, vjolenti u temibbli, kif gie accettat anke mill-prosekuzzjoni, u f'ghajnejh il-gustizzja ma kinitx lehqet jew

---

[4] Antolisei, F. **Manuale di Diritto Penale – Parte Generale**, Giuffre` editore (Milano), 1989, p.261.

tlehhaq mieghu. Ciononostante, ic-cirkostanzi li fihom sehh il-qtil ta’ Jason Azzopardi ma jirrispekkjawx ic-cirkostanzi, jew ahjar, il-kondizzjonijiet li l-ligi u l-gurisprudenza taghna jridu li jezistu biex tkun tista’ tirnexxi d-difiza tal-legittima difiza. Ic-cirkostanzi f’dan il-kaz juru li meta sehh il-qtil ta’ Jason Azzopardi, dan Jason Azzopardi ma kien qieghed jaghmel l-ebda aggressjoni lill-appellant. F’dak il-mument ma kien hemm l-ebda minaccja attwali, kif l-anqas il-bidu ta’ minaccja, ghall-inkolumita` ta’ l-appellant jew ta’ haddiehor. L-appellant ha decizjoni li jaghmilha ta’ *“giustiziere”* u, ghalkemm b’dak li ghamel probabbilment goda minn simpatija kbira mill-vittmi ta’ Jason Azzopardi, dan mhux konsonanti mar-*rule of law* izda mal-ligi tal-gungla. Bhalma mhuwiex accettabbli dak li kien jaghmel Jason Azzopardi, l-anqas ma tista’ titqies accettabbli f’socjeta` li temmen fir-*rule of law* is-soluzzjoni li sab l-appellant.

L-appellant ikompli jilmenta li l-Imhallef li ppresjeda l-guri fakkar lill-gurati ripetutament li l-arma tad-delitt giet akkwistata fil-jum ta’ qabel il-kaz u b’hekk l-Imhallef direttament u deliberatament sahhah it-tezi tal-prosekuzzjoni illi l-qtil kien premeditat. Jghid li malli gara dan, id-difiza ta’ *self-defence* giet zmantellata mill-Imhallef innifsu. L-appellant isostni illi l-Imhallef wera nuqqas ta’ imparzjalita` oggettiva u li l-indirizz kien fih *slant* qawwi hafna kontra l-appellant.

Jekk irrizulta li l-arma tad-delitt giet akkwistata fil-jum ta’ qabel, l-Imhallef li ppresjeda l-guri ma setax jghid differentement, anzi kien obbligat li jigbed l-attenzjoni tal-gurati ghal dan il-fatt. Huwa rrilevanti kemm-il darba seta’ semma dan il-fatt – ammess mill-appellant stess fix-xiehda tieghu quddiem il-Qorti Istruttorja.

Tajjeb hawn li din il-Qorti tfakkar lill-appellant f’dak li qal Simon Brown, L.J. f’*R. v. Nelson* [1997] Crim. L. R. 234, CA (kif citat  f’**Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2006** (p. 495 para. 4-376):

**“Every defendant, we repeat, has the right to have his defence, whatever it may be, faithfully and accurately**

**placed before the jury. But that is not to say that he is entitled to have it rehearsed blandly and uncritically in the summing up. No defendant has the right to demand that the judge shall conceal from the jury such difficulties and deficiencies as are apparent in his case. Of course, the judge must remain impartial. But if common sense and reason demonstrate that a given defence is riddled with implausibilities, inconsistencies and illogicalities … there is no reason for the judge to withhold from the jury the benefit of his own powers of logic and analysis. Why should pointing out those matters be thought to smack of partiality? To play a case straight down the middle requires only that a judge gives full and fair weight to the evidence and arguments of each side. The judge is not required to top up the case for one side so as to correct any substantial imbalance. He has no duty to cloud the merits either by obscuring the strengths of one side or the weaknesses of the other. Impartiality means no more and no less than that the judge shall fairly state and analyse the case for both sides. Justice moreover requires that he assists the jury to reach a logical and reasoned conclusion on the evidence."**

F'**Blackstone's Criminal Practice 2004** (para. D16.16, p.1484) naqraw:

**"Provided he emphasises that the jury are entitled to ignore his opinions, the judge may comment on the evidence in a way which indicates his own views. Convictions have been upheld notwithstanding robust comments to the detriment of the defence case (e.g. *O'Donnell* (1917) 12 Cr App R 219, in which it was held that the judge was within his rights to tell the jury that the accused's story was a 'remarkable one' and contrary to previous statements that he had made). However, the judge must not be so critical as to effectively withdraw the issue of guilt or innocence from the jury (*Canny* (1945) 30 Cr App R 143, in which a conviction was quashed because the judge repeatedly told the jury that the defence case was**

**absurd and that there was no foundation for defence allegations against the prosecution witnesses). It is the judge's duty to state matters 'clearly, impartially and logically', and not to indulge in inappropriate sarcasm or extravagant comment (*Berrada* (1989) 91 Cr App R 131).”**

L-Imhallef li ppresjeda l-guri f'dan il-kaz ma jistax jigi kkritikat li kien parzjali ghax spjega l-ligi korrettement jew ghax rrefera ghal fatti rizultanti. Wara kollox dan ghamlu fid-dawl tal-fatt li ghal dik li hija ligi l-gurati jridu joqoghdu fuq dak li jghid l-Imhallef li qieghed jippresjedi u fid-dawl tal-funzjoni tal-gurati bhala mhallfin tal-fatt li dwarha l-Imhallef ripetutament fakkarhom tul il-perkors tal-guri. Difatti fl-ebda istanza ma cahhadhom jew nehhielhom id-dritt li jiddeciedu huma fuq il-fatti; anzi kkonkluda l-indirizz tieghu billi fakkarhom fil-gurament li kienu hadu fil-bidu tal-guri.

L-appellant jilmenta wkoll illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri fl-indirizz tieghu nterpreta l-omicidju bhala “premeditat” u “volontarju” b'mod mekkanizzat u ristrett wisq u fuq kollox b'mod sterili meta rrestringa l-argumentazzjoni tieghu fuq tliet punti: il-fatt li l-arma kienet ipprokurata fil-jum ta' qabel; il-fatt li meta saret l-isparatura fatali l-akkuzat ma kienx qed jigi mhedded “dak il-hin” mill-persuna maqtula; u l-fatt li l-akkuzat iddikjara fid-deposizzjoni tieghu illi huwa kien determinat li joqtol lil Jason Azzopardi. Ikompli jghid l-appellant:

“Illi l-Onorevoli Mhallef fl-indirizz tieghu ghamel enfasi kbira fuq il-fatt li l-akkuzat ipprokura l-arma bil-hsieb li jelimina lill-vittma. Hawn ma kienx hemm valutazzjoni tal-fatti u cirkostanzi ta' *self preservation* li wasslu lill-akkuzat biex jaghmel hekk, kif hemm spjegat aktar 'il fuq. Dan gara, kif jidher car fl-indirizz (u susegwentement fis-sentenza) billi l-Onorevoli Mhallef illimita ruhu wisq ghall-mument isolat ta' l-att innifsu minghajr ma qies x'wassal ghal dak l-att. Hawn hekk jidher bl-aktar mod car illi l-Onorevoli Mhallef interpreta bir-rispett kollu b'mod hazin il-fatt illi meta l-akkuzat iffaccja lil Jason Azzopardi f'dak il-hin ma jidhirx li kien hemm theddid kontra l-akkuzat u l-

familja tieghu jew xi bzonn attwali li l-akkuzat jiddefendi lilu nnifsu mill-vittma. Ghall-kuntrarju, izda, kien jidher car – u dan jirrizulta wkoll mid-deposizzjoni ta' l-akkuzat – illi huwa kien ippercepixxa biza' reali, ibbazata fuq ir-ragunament li kien ghamel, u huwa, taht passjoni u taht *duress*, hass li hajtu kienet tassew mhedda u hass ukoll lilu nnifsu impotenti in vista tal-potenza ta' Jason Azzopardi kemm f'Bormla kif ukoll barra minn Bormla, waqt li kien imwerwer mill-konsegwenzi li setghu jigu ffaccjati bihom hu u l-membri kollha tal-familja tieghu jekk Jason Azzopardi jwettaq it-theddid ghal hajtu li kien ghamillu.

Ghaldaqstant l-akkuzat, taht din il-biza' kbira u passjoni rrezistibbli, ipprova jinnewtralizza t-theddida. Ghalhekk, l-Onorevoli Mhallef ma kienx wizen l-*iter*, kwadru jew trajjettorju kollu u minflok fl-indirizz tieghu llimita ruhu biss ghal certi fatturi isolati minghajr ma ra n-ness passjonali u razzjonali li ezista bejniethom.

Matul il-guri rrizultaw bosta incidenti serji li jnisslu biza' fi kwalunkwe persuna, ilkoll provenjenti mill-persuna maqtula. Skond uhud mix-xhieda, Jason Azzopardi kien jipprattika l-*bodybuilding* u kellu *professional boxers' punching bag* fid-dar tieghu li fuqha kien jipprattika d-daqqiet tieghu. Id-daqqiet tieghu perikoluzi kien imbaghad juzahom fuq il-vittmi ta' l-uzura. Per ezempju, l-Ispettur tal-Pulizija ta' Bormla xehed li d-daqqiet fuq wicc u fuq ghajnejn Edward Ronayne kkagunati minn Jason azzopardi kienu prova ta' daqqiet inferti b'sahha kbira. Kif irrizulta mill-provi, fil-kaz ta' Nicholas Bellotti, Jason Azzopardi l-ewwel kien qabbdu jmexxilu d-droga u wara kien heddu li 'jippreferi jmur il-habs talli jkun tefa' bniedem f'wheelchair milli jmur il-habs fuq droga'. Kif irrizulta mid-deposizzjoni ta' Richard Flatley u kif anke kkonfermat mill-Ispettur tal-Pulizija ta' Bormla, ghalkemm Flatley kien ghamel bosta rapporti kontra Jason Azzopardi fl-ghases tal-pulizija f'diversi lokalitajiet ta' Malta, dan ma zammx lil Jason Azzopardi milli jsibu (zewg persuni fuq wiehed) u jkissirlu snienu ta' quddiem – u kellu jaqbez minn bini gholi ta' zewg sulari basta ma jigix taht idejh! Din hi *projection* utili ta' fejn iwassluk ir-rapporti tal-Pulizija meta

si tratta ta' persuna tassew vjolenti u temibbli bhall-bniedem maqtul."

Apparti l-konfuzjoni ta' diversi difizi f'dan il-bran u, f'certu sens, ukoll ir-ri-invenzjoni tal-parametri ta' xi whud minnhom, minn ezami ta' l-indirizz jirrizulta illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri spjega b'mod korrett l-elementi tad-delitt ta' omicidju volontarju. Spjega li jrid ikun hemm il-mewt ta' bniedem minn bniedem iehor u li f'dan il-kaz bhala fatt ma giex kontestat mid-difiza li dak li gara, *"gara b'idejn l-akkuzat. Hemm ix-xiehda tieghu li nqrat il-bierah – u li d-difiza lealment qaltilkom – bhala fatti dawn huma l-fatti."*[5] Spjega li l-qtil irid ikun sar *"dolozament"* u f'dan ir-rigward qal li hawn *"qed nitkellmu ghall-intenzjoni generika li inti qed tikser il-ligi b'xi mod u li dak li qed taghmel mhux qed taghmlu skond il-ligi."*[6] Imbaghad ghadda biex jispjega li fil-kaz ta' dan id-delitt hemm l-element ta' l-intenzjoni specifika fejn allura l-ligi trid li f'dak il-mument li qed isir l-att ikun hemm l-intenzjoni specifika li toqtol jew li tpoggi l-hajja ta' dak li jkun f'perikolu car. Dak kollu li l-appellant issottometta fil-bran appena citat ingab, pero` b'mod korrett u mhux ingarbuljat, a konoxxenza tal-gurati, u l-Imhallef li ppresjeda l-guri gab dan kollu quddiem il-gurati ghad-deliberazzjoni taghhom fid-dawl tad-direttivi li tahom dwar l-interpretazzjoni tal-ligi.

Waqt il-guri, id-difensur ta' l-appellant ressaq bhala difiza alternattiva dik ta' l-agitazzjoni tal-mohh gejja mill-provokazzjoni filwaqt li stqarr li fil-fehma tieghu din id-difiza ma kinitx taghmel gustizzja ghall-kaz. Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jilmenta li dwar id-difiza ta' provokazzjoni l-Imhallef li ppresjeda l-guri ghamel intervent waqt li kienet qed issir id-difiza, fejn gibed l-attenzjoni tad-difensur illi hemm preponderanza ta' sentenzi li jirritjenu li m'hemmx bzonn li l-agitazzjoni tal-mohh tkun bazata fuq xi haga "ta' dak il-hin". Izda mbaghad fl-indirizz l-Imhallef qal lill-gurati li l-agitazzjoni tal-mohh (bhas-*self-defence*) trid tkun ibbazata fuq "x'qed jaghmillek dak il-hin" u dak li gara qabel m'ghandux

---

5 Pagna 28 – 29 ta' l-indirizz.
6 Pagna 29 *ibidem*.

x'jaqsam. B'hekk, jghid l-appellant, id-difiza giet sorpriza b'din il-bidla ghall-arrieda fl-interpretazzjoni li nghatat lill-gurati. Jirreferi ghal brani (p. 70 – 71, 65, 60 skond l-ordni moghtija mill-appellant fir-rikors ta' appell tieghu) fl-indirizz fejn, skond l-appellant, l-Imhallef li ppresjeda l-guri spjega li l-provokazzjoni u anke l-agitazzjoni tal-mohh iridu jkunu "ta' dak il-hin" u b'hekk giet zmantellata f'ghajnejn il-gurati "d-difiza tal-provokazzjoni jew agitazzjoni tal-mohh".

L-ewwelnett din il-Qorti trid tosserva li wara li semghet ir-*recordings* kemm tad-difiza kif ukoll tal-kontro-replika, fl-ebda istanza ma ltaqghet ma xi intervent ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri fejn ghamel referenza ghal sentenzi li jirritjenu li m'hemmx bzonn li l-agitazzjoni tal-bzonn tkun ir-rizultat ta' xi haga li tkun grat dak il-hin. Fi kwalunkwe kaz din il-Qorti hi tal-fehma li l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien korrett f'dak li qal dwar il-provokazzjoni u ghalhekk sejra tirriproduci l-istess bran li l-appellant jirreferi ghalih fir-rikors ta' appell tieghu[7]:

"Naraw dak [ix-xiehda ta' l-appellant, l-istato d'animo tieghu] fejn iwassalkom, ghaliex is-sens ta' tpattija, is-sens ta' vendikazzjoni, is-sens ta' ha nelimina sors ta' inkwiet, mhuwiex dak li jispira lil-legislatur meta nigu ghal eccezzjonijiet ta' din ix-xorta bhal *self-defence*. Mhux dak li gara l-bierah jghodd, x'qed jigri dak il-hin biex ikun hemm is-*self-defence*. Jekk hija l-provokazzjoni l-istess, mhux x'ghamilli gimgha ilu, mhux x'ghamel lill-mama` tieghi gimaghtejn ilu, x'qed jaghmillek dak il-hin. M'hemmx ghalfejn dak il-hin dak il-hin, jekk ikun gara hames minuti qabel, ghaxar minuti qabel, forsi siegha qabel u ghadek imdahdah, ghax ara x'ghamillek u tkun ghadek ipperturbat u agitat. Imma jrid ikun hemm certu kuntest li ma ghaddiex hafna zmien biex wiehed jilhaq jikkalma, jew jilhaq isib is-sensi tieghu. Allura anke dak li gara qabel, tridu taraw kemm gara qabel, u b'liema mod gara qabel u x'gara wara, imbaghad li gara qabel dawk il-fatti, hemm l-element taz-zmien, tat-trapass taz-zmien, jista' jkun fattur

7 P. 70 – 71 ta' l-indirizz.

importanti favur jew kontra l-akkuzat, meta tezaminawh" (sottolinear ta' din il-Qorti).[8]

Fil-fehma ta' din il-Qorti anke l-brani l-ohra citati mill-appellant fir-rikors ta' appell tieghu (pagni 65 u 60 ta' l-indirizz) huma legalment korretti. Kwantu ghall-ilment ta' l-appellant li bihom l-Imhallef li ppresjeda l-guri zmantella f'ghajnejn il-gurati "d-difiza tal-provokazzjoni jew agitazzjoni tal-mohh", din il-Qorti tirreferi mill-gdid ghall-brani citati qabel minn Archbold u minn Blackstone u tirreferi ghad-dmir ta' l-Imhallef li jippresjedi l-guri li ***"he assists the jury to reach a logical and reasoned conclusion on the evidence"***.

Minn ezami li din il-Qorti ghamlet tal-provi u b'mod partikolari x-xiehda ta' l-appellant stess, ma tirrizultax l-agitazzjoni tal-mohh li trid il-ligi. Mix-xiehda tieghu stess ma jirrizultax li ma kienx qieghed iqis l-ghemil tieghu u l-konsegwenzi ta' l-agir tieghu. Tajjeb ghalhekk li ssir referenza ghal bran partikolari fix-xiehda tieghu fejn jirrakkonta dak li ghamel qabel, waqt u wara l-qtil:

"Sebah il-Hadd u akkwistajt l-arma. Il-Hadd jiena kont inkwetat hafna tant li bilfors kelli nehles minn dan Jason Azzopardi. Dakinhar missieri rani nkwetat u kont se ncedi l-ahhar u nghidlu l-verita`. Irrealizzajt li missieri ghandu familja u ma ridtux la l-habs u l-anqas fil-qabar u ghalhekk iddecidejt li naghmel sagrificcju. Sebah it-Tnejn, stahbejt fil-haxix u meta smajt l-alarm tal-karozza ta' Jason tintefa', hrigt biex nittrejsjah. Inhsadt ghax hsibt li se nsib lil Jason wahdu u kien hemm zewg persuni cioe` Jason ma' haddiehor. F'daqqa wahda ma stajtx nirrikonoxxi min kien Jason u ddecidejt li ngholli t-tights. Naf li meta jiena ghollejt it-tights kont naf li ninety-nine per cent ghall-habs pero` ma stajtx nerga' lura, dan ghall-fatt li Jason ried joqtolni bla m'ghamiltlu xejn ahseb u ara kieku tlaqt bla ma naghmillu xejn meta kien jaf li jiena kont mort biex noqtlu. Irrealizajt li kieku tlaqt kont se npoggi l-hajja tieghi u tal-genituri tieghi iktar fil-periklu. Kif kien dahru lejja jiena

[8] L-artikolu 235 tal-Kodici Kriminali jipprovdi car u tond li "ma jiswewx lill-hati l-provokazzjonijiet imsemmijin fl-artikoli 227 u 230, meta ma jkunux saru fil-waqt ta' l-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza."

sparajtlu, mort fil-vicin biex Joseph Zaffarese jersaq lil hemm u tajtu l-ahhar tir biex inkun cert li miet. Jiena dan il-kaz m'ghamiltux b'buona volonta` tieghi u dan ghax ma kellix ghazla ohra.

"Mort tnaddaft peress li kont ghadni hiereg minn ghaxar snin habs ma xtaqtx nerga' mmur il-habs u armejt l-arma fil-bahar u mort id-dar nistenna is-CID…. Nixtieq nghid li mill-habs jiena hrigt bhala bniedem responsabbli u l-ghanijiet tieghi kienu pozittivi. Qatt ma immaginajt li se nsib dan it-theddid kollu jigri warajja….

"…. Meta jiena kont ghamilt dan il-kaz, jiena kont hallejt il-Mini Minor l-ahdar wara s-sur, wara l-garage ta' Jason u meta ghamilt il-kaz kont jiena li kont mort fil-Mini Minor u hrabt biha. L-arma in kwistjoni kont jiena li armejtha. Armejtha fil-bahar gewwa x-Xatt ta' Bormla vicin il-kazin tad-dghajjes. Il-hwejjeg hallejthom go borza taz-zibel gewwa Garden Road li taghti ghall-Fgura minn naha u ghal Haz-Zabbar minn naha ohra…."

Minn dan kollu ma jistax jinghad li fil-waqt tad-delitt l-appellant kellu dik l-agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha ma setax iqis l-ghemil tieghu. Barra minn hekk, peress illi d-difiza ta' l-appellant kienet ibbazata fuq agitazzjoni tal-mohh gejja minn provokazzjoni[9], din il-Qorti tirreferi ghall-artikolu 235 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li: **"Ma jiswewx lill-hati l-provokazzjonijiet imsemmijin fl-artikoli 227 u 230, meta ma jkunux saru fil-waqt ta' l-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza."**[10] M'hemm l-ebda dubju li l-appellant kellu l-opportunita` iqis sew dak li kellu jaghmel, ossia dak li jmissu ghamel, galadarba huwa kien hareg mill-habs b'intenzjonijiet pozittivi, u minflok ma jiehu l-ligi b'idejh jimxi bil-mezzi kollha legali disponibbli. Ghaldaqstant il-gurati setghu legalment u ragjonevolment ukoll ma jilqghux id-difiza ta' l-agitazzjoni tal-mohh gejja mill-provokazzjoni.

---

[9] Ir-reat sehh qabel l-emendi introdotti fl-artikolu 227(c) tal-Kap. 9 bl-Att III ta' l-2002.
[10] Ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Noel Mizzi** moghtija fil-15 ta' Dicembru 2005.

L-appellant ikompli jilmenta li dwar il-karattru antisocjali u temibbli tal-persuna maqtula, l-Imhallef li ppresjeda l-guri ssintetizza l-effett tieghu billi qal lill-gurati li “ghall-massimu jista’ jwassalna biex nikkonkludu li kien hemm movent u xejn aktar” (p. 69 u p. 70 ta’ l-indirizz). L-appellant jghid li fir-realta` tal-hajja pero` kulhadd jaf li dawn ic-cirkostanzi “ma jfissrux biss movent, izda jfissru li persuna terrorizzata tagixxi taht agitazzjoni tal-mohh.” Jghid li b’koincidenza l-hsieb ta’ l-Imhallef insibuh espress ukoll fis-sentenza ta’ l-ewwel Qorti. L-appellant isostni li huwa difficli biex wiehed jikkomprendi kif dawn il-fatturi gew mehuda in konsiderazjoni bis-serjeta` fil-fissazzzjoni tal-piena meta l-verdett tal-gurati kien ta’ omicidju volontarju *sic et simpliciter* (konsonanti ghall-ahhar mal-mod kif il-gurati gew indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri). Skond l-appellant il-verdett tal-gurija ma jirrifletti bl-ebda mod l-aspett kollu li jittratta l-karattru temibbli tal-persuna maqtula.

Din il-Qorti tosserva a propozitu illi dak kollu li jilmenta dwaru hawn l-appellant irid jittiehed fil-kuntest tal-parti rilevanti ta’ l-indirizz u fid-dawl ta’ l-indirizz kollu. Fejn semma l-movent, l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien qieghed jirreferi ghal dak li rrizulta u li qablu dwaru z-zewg nahat dwar in-natura ta’ bniedem li kien Jason Azzopardi u qal li dan xorta kellu d-dritt fondamentali ghall-hajja li tista’ tnehhihulu biss bil-mezzi li taghti l-ligi, viz. f’kaz ta’ *self-defence*. U kompla hekk:

“Id-difiza bniet il-hitan qaltilkom, bid-diversi xhieda tal-karattru ta’ Jason, tal-periklu ta’ Jason, tal-mod kif Jason kien igib ruhu man-nies. M’inhix ser noqghod nghidilkom, araw intom ghamlitux dan, ghaliex nahseb li lkoll qbilna li ghamlitu d-difiza dan ix-xoghol. Pero` fejn jista’ jwassalna? Ghall-kaz prezenti? Jista’ jwassalna ghall-massimu li kien hemm movent, fis-sens li dan tant kien dejjaqhom u tant kien inkwetahom illi bdew jarawh, jew beda jarah – ghax ahna qed nitkellmu fuqu, ghax haddiehor mhux hawn, mhux qieghed akkuzat – bhala problema kbira, problema li tista’ twassal ghal theddid, ghal swat. L-akkuzat jghid ukoll illi kien heddu bil-mewt. U li kien ircieva xi telefonati minn xi nies, ghalkemm fix-

xiehda tieghu ma jghidx min huma dawn in-nies. Pero` kkonkluda li kienu nies mibghuta minn Jason. Issa, ikkonkluda hija, mhux xiehda ta' fatt, dak x'haseb hu, seta' kellu ragun, seta' kellu tort, intom tridu taraw jekk fuq bazi ta' probabilita` kkonkludiex sew jew inkella kienx qed jaqbez ghal konkluzjoni minghajr ma kellu bazi ghaliex jasal. Qalilna li kellu, ftit granet qabel, dak l-argument meta qallu sakemm indum mal-familja jiena, inti ma inti ser tiehu xejn Sur Jason, u li l-iehor qallu jiena ser nehodhom b'kull kif, il-flus. U allura hemmhekk gew speci *head-on collision*. U qalilna li wara dawk il-granet imbaghad beda jircievi t-theddid u xi telefonata u dawk l-incidenti ta' hdejn ir-roundabout, meta ra xi ragel jew persuna ohra u tfixkel u addirittura dahal fir-roundabout; li gew xi nies jghidulhom – *again* dawk in-nies ma gewx hawn allura ma hemmx prova li fil-fatt gara hekk, imma jekk temnuha dik il-bicca tax-xiehda, hija prova biss li xi hadd qallhom – dan ix-xi hadd ma nafux min hu – b'dawn l-affarijiet – li kien hemm xi nies mghammda hemm barra fejn il-gnien. Insomma donnu kien hemm sitwazzjoni li tohloq *concern*, li tohloq ansjeta`, li tista' tohloq biza' ukoll, u li ddejqek, u li forsi ggieghlek trid taghmel xi haga. Imma issa x'ser taghmel? Hawn il-kwistjoni. X'ser taghmel taht din ic-cirkostanza. Ser tiddeciedi li taghmel, li tiehu l-ligi f'idejk jew ser tmur ghand il-Pulizija? Jew ser tmur ghand avukat? Hawn qieghda l-kwistjoni kollha. U l-ligi tghidilna car u tond x'wiehed irid jaghmel u x'wiehed ma jistax jaghmel f'affarijiet bhald awn. M'ahniex qed nghidu li ma kienx hemm problemi. Issa naturalment naha tkababrhom il-problemi u naha ccekkinhom, dik kwistjoni ta' fatt u taraw intom bil-bwon sens taghkom dawn il-problemi kemm kienu problemi daqshekk kbar u daqshekk zghar. Smajna lill-mama` tieghu qaltilna kif beka meta qaltlu li sawwatha u dan kollu. Jigifieri kien hemm affarijiet bhal dawn, mela le, u smajna lilu, cioe` qrajna x-xiehda tieghu li qghedna quddiemna, x'hass hu u kemm kien perturbat, inkwetat. Qalilna wkoll li kien imbezza' minhabba dak it-theddid. Taraw l-istatement tieghu, taraw ix-xiehda tieghu, l-istato d'animo kollu tieghu."

Din il-Qorti ccitat *in extenso* l-bran imsemmi peress illi juri hsieb logiku wara l-iehor li l-Imhallef li ppresjeda l-guri

kien qieghed iressaq ghall-konsiderazzjoni tal-gurati. U minn ezami tal-provi m'hemm l-ebda dubju li dak li ghamel l-appellant ghamlu b'motiv – biex jehles mill-problema Jason Azzopardi. Fix-xiehda tieghu quddiem il-Qorti Istruttorja, l-appellant, wara li jirrakkonta dak li kienet ghaddiet minnu ommu, wara li jirreferi ghall-mod kif kien attakkah Jason Azzopardi u ghat-theddid li kien qieghed jircievi fuq hajtu, u wara li stqarr li ma bediex jaghmel rapporti l-ghassa "ghaliex meta jiena kont gewwa naf li l-genituri tieghi kienu qed jaghmlu rapporti u nies ohra li kienu mcappsin ma' Jason kienu jaghmlu rapporti simili u Jason iktar kien jirreagixxi hazin meta kienu jaghmlu rapporti", jghid li l-Hadd kien inkwetat hafna "tant li bil-fors kelli nehles minn dan Jason Azzopardi". Jirrakkonta kif huwa akkwista arma u ddecieda "li naghmel sagrificcju" ghax ma riedx jara lil missieru l-habs jew fil-qabar. Jigifieri m'hemmx dubju li f'dak li qal l-Imhallef li ppresjeda l-guri huwa kien perfettament korrett.

Jilmenta wkoll l-appellant li l-Imhallef li ppresjeda l-guri uza kliem il-prosekutur biex jipprogetta lill-gurati l-messagg tieghu personali. Jirreferi ghal sitt brani (pagni 55, 65, 66, 67 u 68 ta' l-indirizz) fejn l-Imhallef jirreferi ghal dak li qal il-prosekutur u jikkonkludi li fihom wiehed jista' jidentifika l-univocita` tal-hsibijiet tal-prosekutur u l-hsibijiet ta' l-Imhallef fl-indirizz u aktar tard fis-sentenza.

Dawn il-brani ma jridux jigu kkunsidrati individwalment izda fil-kuntest ta' l-indirizz kollu li fih l-Imhallef li ppresjeda l-guri rrefera kemm ghal dak li qalet id-difiza kif ukoll ghal dak li qalet il-prosekuzzjoni. Inoltre din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti in kwantu jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet li hija ghamlet f'dik is-sentenza. Wara kollox fiha rriportat kemm is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni kif ukoll dawk tad-difiza. Ghalhekk anke dan l-ilment huwa respint.

Ilment iehor ta' l-appellant huwa dwar il-kwistjoni li nqalghet dwar jekk kenitx saret ammissjoni dwar l-intenzjoni specifika jew le. Jghid li l-kontestazzjoni dwar l-ammissjoni ta' l-intenzjoni specifika rritat mhux ftit lill-Imhallef li ppresjeda l-guri. Jghid:

“Mill-punt raggunt f’pagna 30 ‘il quddiem, l-Onorevoli Mhallef deher irritat mhux ftit lejn id-difensur ta’ l-akkuzat, tant illi fil-presenza tal-gurati, f’mument ta’ rabja qabzitlu l-espressjoni ‘Irridu nkunu [leali]’ – u f’dan l-Onorevoli Mhallef zgur kien zbaljat ghaliex fil-presenza tal-gurati m’ghandux jintqal kliem bhal dan. Wiehed jinnota wkoll illi l-avukat difensur fl-ebda hin ma interrompa lill-Qorti jew qam biex jiddefendi l-pozizzjoni tieghu, anke meta l-Onorevoli Mhallef niggzu bil-kliem ‘Irridu nkunu [leali]’. Wiehed illum jista’ jghid li hemm bahar jaqsam bejn li tghid:

‘Anzi jiena ghandi notament li l-avukat tieghu l-bierah qal – ma huwiex qed jigi kontestat – jekk ma inhix korrett waqqafni – illi fil-hin li gew sparati dawk it-tiri kien hemm l-intenzjoni specifika li joqtol u jpoggilu hajtu f’perikolu car.’

U li tghid:

‘U jiena f’certu hin ghidtilkom – ma jidhirx li hemm kontestazzjoni min-naha tad-difiza u kkwotajt lid-difensur dwar il-kwistjoni li l-intenzjoni kienet wahda specifika li jrid joqtol. Il-kliem preciz li kien qal id-difensur il-bierah bhal dan il-hin kien “il-hsieb kien hemm li joqtol imma ma kellux triq ohra”. Dan kien il-kliem preciz.’

Imbaghad l-Onorevoli Mhallef ghal darba, tnejn, tlieta u hafna aktar drabi rrimarka lill-gurati li jahseb li hu kien fehem sewwa lid-difensur, ecc.”

Din il-Qorti, wara li semghet ir-*recordings* tad-difiza u tal-kontro-replika, tosserva li l-Imhallef li ppresjeda l-guri kellu ragun jghid li d-difiza kienet anke kkoncediet li kien hemm il-hsieb tal-qtil peress illi d-difensur ta’ l-appellant qal testwalment hekk waqt id-difiza[11]:

“Veru li l-intenzjoni kienet illi ttemm il-hajja imma, nerga’ nghidilkom, minkejja li hemm il-mewt u l-qtil m’hemmx

[11] Tape 18B.

htija ta' omicidju volontarju ghax l-omicidju volontarju jingieb fix-xejn bid-difiza ta' legittima difiza."

Imbaghad meta qed jispjega d-difiza tal-provokazzjoni u ghaliex ma taghmilx gustizzja ghall-kaz u ghaliex ghandha tapplika d-difiza ta' legittima difiza, id-difensur ta' l-appellant qal[12]:

"Melchior jispjega li hu pprokura l-arma u mar biex joqtlu. Mela jiena ma nistax nghid illi ma kienx hemm il-hsieb maghmul. Inkun jien m'inhix qed nghidilkom il-verita` jekk jien nghidilkom li ma kienx hemm il-hsieb maghmul. Il-hsieb maghmul kien sar imma tridu taraw f'liema kuntest ghax altru inti tmur biex tittermina l-hajja, biex toqtol, biex tivvendika ruhek, biex taghmel vendetta minn xi hadd, u altru taghmel hekk biex inti ma thallix lill-iehor joqtol lilek."

Issa, meta l-Imhallef li ppresjeda l-guri beda biex jindirizza lill-gurati fuq il-kwistjoni ta' l-intenzjoni specifika u qal li kien jidher li din ma kenitx qed tigi kontestata, stieden lid-difensur ta' l-appellant biex jekk ma kienx korrett iwaqqfu. Ghal xi raguni – u hawn din il-Qorti tghid li ezaminat kemm it-traskrizzjoni ta' l-indirizz kif ukoll semghet ir-*recording* relattiv – ma jirrizultax li d-difensur talab lill-Imhallef li ppresjeda l-guri biex jispjega l-pozizzjoni tieghu u hallieh ikompli ghaddej bl-indirizz sakemm l-Imhallef waqaf biex jaghmel *break*. Wara l-*break* – x'aktarx b'rizultat ta' xi sottomissjoni maghmula mid-difiza – l-Imhallef beda biex jirreferi mill-gdid ghal dak li kien ikkwota lid-difensur ta' l-appellant li kien qal dwar il-kwistjoni ta' l-intenzjoni specifika izda ghadda biex jispjega li jekk id-difensur ta' l-appellant ma kienx qieghed jikkoncedi li kien qal hekk u allura l-Imhallef kien fehem hazin, il-gurati kellhom jaraw jekk ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, is-*circumstantial evidence*, kinux jirriflettu tali intenzjoni. F'dan il-punt, l-Imhallef korrettement qal li jekk ser tigi kontestata l-intenzjoni, jista' jkun hemm difizi ohra u b'mod partikolari dik tal-ferita gravi segwita bil-mewt u stieden lid-difensur ta' l-appellant biex jistudja l-pozizzjoni tieghu sabiex jekk irid l-Imhallef jindirizza lill-gurati fuq din

[12] Tape 19A.

l-eventwalita` wkoll ghalkemm ma kenitx issemmiet. Hawn il-prosekutur osserva li l-anqas hu ma kien semma xejn fuqha ghax ma tqajmitx mid-difiza. Kien proprju hawn fejn l-Imhallef qal "Irridu nkunu leali hawn. Jekk naqbdu linja mbaghad mhux nibdluha fl-ahhar."

L-ghada, fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2003 gie registrat dan il-verbal qabel ma tkompla l-indirizz[13]:

**"Il-Qorti in vista tar-riljev li sar mid-difiza fil-kors ta' wahda mill-breaks tal-indirizz illi d-difiza mhux qed tghid li mhux qed tikkontesta li kien hemm l-intenzjoni specifika rikejsta ghall-omicidju volontarju, tinterpella lid-difiza f'dan l-istadju u fl-assenza tal-gurati biex tiddikjara car u tond x'inhi l-posizzjoni taghha f'termini legali u cioe` jekk hux qed taccetta illi meta sar l-att materjali dan kien akkumpanjat bl-intenzjoni specifika li jinqatel Jason Azzopardi jew li l-hajja tieghu titpogga f'perikolu car jew le.**

**"Id-difiza twiegeb illi l-akkuzat m'agixxiex dolozament ghaliex agixxa minhabba bzonn attwali tad-difiza tieghu.**

**"Il-Qorti,**
**Peress illi din ir-risposta bl-ebda mod ma twiegeb il-kwezit tal-Qorti se tkompli l-indirizz taghha u tindirizza lill-gurati wkoll fuq il-possibilita` tad-difiza li ma kenx hemm l-intenzjoni specifika fuq imsemmija u konsegwentement fuq ir-reat kompriz u involut tal-offiza gravi segwita mill-mewt.**

**"Il-prosekuzzjoni taqbel illi din il-linja li ser tiehu l-Qorti hija wahda korretta u obbligatorja gia la darba d-difiza halliet il-vojt fil-kwezit li ghamlitilha l-Qorti."**

F'dan kollu din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fl-agir ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri.

---

[13] Din il-Qorti tirreferi wkoll ghar-*recording* li semghet dwar din is-seduta Tape 27XX side A.

Fir-rikors ta’ appell tieghu l-appellant jghid li d-difiza ma kenitx adottat bhala linja difensjonali l-possibilita` li jissussisti r-reat ta’ ferita gravi segwita bil-mewt u ghalhekk jissottometti li “tenut kont li d-difensur fid-difiza ta’ l-akkuzat kien qal ‘il-hsieb kien hemm li joqtol, izda ma kellux triq ohra’, din id-decizjoni tal-Qorti li tindirizza lill-gurati f’dan is-sens ma kenitx taghmel sens, u serviet biss biex thawwad l-imhuh tal-gurati.”

Frankament din il-Qorti tara li kien l-istess difensur li bir-risposta tieghu, hawn appena riportata, ghall-kwezit tal-Qorti, hawwad kollox. L-omicidju in legittima difesa <u>necessarjament</u> jippresupponi l-intenzjoni specifika li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ dak li jkun f’periklu car. Li kieku d-difiza vverbalizzat dak li qieghed hawn jigi koncess, cioe` li “l-hsieb kien hemm li joqtol, izda ma kellux triq ohra”, allura ma kienx ikun hemm il-htiega li l-ewwel Qorti tidhol ukoll fuq il-kuncett tal-ferita gravi segwita bil-mewt. Galadarba d-difiza fl-istadju inoltrat ta’ l-indirizz dehret li kienet qed tikkontesta l-intenzjoni specifika ta’ l-appellant li joqtol lil Jason Azzopardi, dik il-Qorti b’mod korrett u fl-interess ta’ l-appellant stess, iddecidiet korrettement li tittratta anke r-reat kompriz u involut ta’ offiza gravi segwita bil-mewt.

L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena li l-appellant iqis bhala eccessiva. Jghid li jekk huwa gie ssentenzjat hafna drabi, il-kastig diga` skontah u diversi minnhom ma kinux kazijiet ta’ certa serjeta`. Inoltre la l-verdett u l-anqas is-sentenza ma jirriflettu li l-appellant u l-familja tieghu sabu ruhhom vittmi ta’ Jason Azzopardi. Jiccita bhala attenwanti: il-perikolozita` socjali ta’ Jason Azzopardi; id-*duress*, il-biza’ u l-htiega ta’ difiza da parti ta’ l-appellant fil-konfront tal-persuna maqtula; l-impotenza tal-Pulizija li tikkontrolla l-agir vjolenti ta’ Jason Azzopardi, kif jirrizulta mill-kazijiet ta’ Edward Ronayne, omm l-appellant, it-theddid lil Nicholas Bellotti u incidenti ohra; il-vjolenza u theddid ta’ Jason Azzopardi kontra omm l-appellant u l-effett trawmatiku fuq il-familja Spiteri; il-vjolenza patologika u theddid bla razan li Jason Azzopardi kien juza konsistentement bhala *system of conduct* kontra vittmi ohra ta’ l-uzura minghajr ma gie mrazzan; iz-zmien

qasir li l-appellant kien ilu barra mill-habs wara zmien twil hemm fejn kien iddahhal ta' eta` tenera, u d-diffikultajiet li sab quddiemu u li ma kienx ippreparat ghalihom; il-htiega attwali li hass l-appellant li jipprotegi lilu nnifsu u l-familja tieghu meta tqieghed minn Jason Azzopardi taht pressjoni ta' biza' reali u immedjata, u in vista tan-nuqqas ta' protezzjoni mill-forzi ta' l-ordni wara karba ghall-ghajnuna (ara rapporti ta' Antoinette Spiteri lill-Pulizija tad-Distrett taghha) liema ghajnuna mhux biss ma waslet qatt izda ma servietx biex trazzan lil Jason Azzopardi milli jinjora kollox u jzid it-theddid u l-vjolenza.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[14].

Fil-kaz in ezami, il-piena preskritta mil-ligi ghar-reat li dwaru l-appellant instab hati hi dik ta' prigunerija ghall-ghomor. Jigifieri l-piena nflitta mill-ewwel Qorti zgur taqa' fil-parametri tal-ligi. Barra minn hekk l-appellant, kif jirrizulta mill-fedina penali tieghu minn fejn jidher li ma naqsux l-anqas kundanni ghal xi forma ta' vjolenza, kien plurirecidiv meta wettaq dan ir-reat u ghalhekk l-ewwel Qorti ghamlet sew li hadet dan in konsiderazzjoni.

Kwantu ghall-attenwanti, anke hawn jidher li l-ewwel Qorti tefghet dan kollu fil-mizien. Difatti hija ddikjarat li hadet in konsiderazzjoni *"il-komportament oppressiv tal-vittma fuq id-debituri tieghu partikolarment fuq omm il-hati li sahansitra giet imsawwta minnu xi zmien qabel – kaz li dwaru l-vittma kellu jidher il-Qorti proprju l-ghada tad-delitt"* (li allura juri kif il-forzi ta' l-ordni kienu ppreparati li jiehdu passi fuq rapport li ghamlet omm l-appellant stess) *"- xi theddid dirett jew velat li seta' rceva l-hati kif ukoll xi swat li seta' sofra l-hati granet qabel id-delitt da parti tal-*

[14] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

*vittma u l-kuntest tal-uzura li fih gie kommess l-omicidju….”*

Din il-Qorti taghmilha cara li tikkundanna bla tlaqliq il-mod kif certi persuni japprofittaw ruhhom minn sitwazzjonijiet difficli li xi nies kultant isibu ruhhom fihom u jisilfuhom il-flus b’imghax ezorbitanti, u, bhal ma kien jaghmel Jason Azzopardi, juzaw vjolenza fuq il-vittmi taghhom jekk dawn ma jhallsuhomx dak l-imghax. Ghalhekk forsi huwa l-kaz li jitwaqqaf mill-Pulizija unit, anke zghir, kontra l-uzura sabiex isiru l-investigazzjonijiet kollha mehtiega fuq persuni suspettati u, fejn rizultanti, jittiehdu l-passi opportuni bla ebda dewmien filwaqt li tinghata dik il-protezzjoni li tista’ tirrizulta mehtiega lill-vittmi. Dan ghandu jghin biex il-vittmi ta’ l-uzura jhossuhom aktar liberi biex jitkellmu u jikxfu dak kollu li ghaddew u li jkunu ghaddejjin minnu. Fl-istess hin din il-Qorti tirriafferma li hadd m’ghandu d-dritt li jiehu l-ligi b’idejh. Fil-kaz ta’ l-appellant fil-fatt ma kienx impossibbli ghalih li jirrapporta lill-Pulizija – bhalma del resto rrapportat ommu l-incident fejn kien aggrediha Jason Azzopardi – dak kollu li kien ghaddej minnu. Minflok iddecieda li jiggustizzja hu lil Jason Azzopardi. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li ghandha taghti piz aktar milli tat l-ewwel Qorti ghall-attenwanti minnu msemmija.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier b’dan li l-perijodu ghall-hlas ta’ l-ispejjez peritali jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------